# 110. Is-Siġra tal-Palm

Dritta
bħall-arblu fuq il-bejt;
bla frugħa ta' fergħat; tgħix eremita,
min-nixfa tad-deżert tiġbed il-manna.

Timla l-ħotba tal-ġemel,
u taqta' l-ġuħ ta' sidu, u tagħmilhom
bħalek
rebbieħa tad-deżert,
tal-ġuħ, tal-għatx, tal-ħruq u tat-tbatija ...

Żina tal-Martri ...

Kull tamla tal-għanqud ħamrani tiegħek
għandha fin-nofs tal-għadma
is-sura tal-fomm tond u ħelu u safi
t'Omm Alla
mistagħġba bik. *

** Hija tradizzjoni nisranija illi meta l-Madonna kienet qiegħda taqsam id-deżert poġġiet taħt is-siġra tal-palm u rat għanqud sabiħ tat-tamal; hija stagħġbet bih u qalet "O" kemm hu sabiħ! L-ittra "O" tal-istagħġiba baqgħet fuq il-għadma ta' kull tamla.*